

Brussell, 12 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9564/17

ECOFIN 446
UEM 174
SOC 422
EMPL 329
COMPET 437
ENV 535
EDUC 254
RECH 206
ENER 248
JAI 528

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Spjegazzjonijiet tal-modifiki għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin l-ispejgazzjonijiet tal-modifiki għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għal kull Stat Membru (Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-programmi nazzjonali ta' riforma 2017 tal-Istati Membri u li jagħtu l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-programmi ta' stabbiltà u ta' konverġenza tal-Istati Membri).

Din in-nota tirriżulta mill-Artikolu 2-ab(2) tar-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li skontu l-Kunsill mistenni li, bħala regola, isegwi r-Rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament, bil-ħsieb li jiġu żgurati trasparenza u responsabbiltà akbar fil-proċess ta' sorveljanza multilaterali u r-riżultati tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fil-Kuntest tas-Semestru Ewropew.

Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri taħt is-Semestru Ewropew 2017

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsima "Djalogu ekonomiku", jiddikjara li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward ta' din ir-"regola kkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għal modifiki maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (RSP) lill-Istati Membri, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2017, li dwarhom il-Kummissjoni ma taqbilx.

Il-Kunsill qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet, kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet, bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

Ġermanja

RSP 1

Test tal-Kummissjoni:

Tuża l-politika fiskali biex tappoġġa d-domanda domestika u tikseb xejra sostnuta 'ta' żieda fl-investment. Taċċellera l-investment pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern, speċjalment fl-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u tindirizza r-restrizzjonijiet tal-kapaċità u l-ippjanar għal investimenti infrastrutturali. Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa u tkompli trendiha favorevoli għall-investment. Tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negozju u fil-professjonijiet regolati.

Test maqbul:

Filwaqt li tirrispetta l-objettiv ta' terminu medju, tuża politiki fiskali u strutturali li jappoġġaw it-tkabbir potenzjali u d-domanda domestika kif ukoll biex tikseb xejra ta' żieda sostnuta fl-investiment. Taċċellera l-investiment pubbliku fil-livelli kollha tal-gvern, speċjalment fl-educazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u tindirizza r-restrizzjonijiet tal-kapaċità u l-ippjanar għal investimenti infrastrutturali. Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema tat-taxxa u tkompli trendiha favorevoli għall-investiment. Tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi tan-negozju u fil-professjonijiet regolati.

Spjegazzjoni:

Ġie maqbul li l-bidliet huma bbażati fuq il-lingwa għar-RSP taż-żona tal-euro għall-2017 u r-RSP tas-sena li għaddiet għal Stati Membri li qabżu l-Objettiv ta' Terminu Medju.

In-Netherlands

RSP 1

Test tal-Kummissjoni:

Jużaw il-politika fiskali sabiex jappoġġaw id-domanda domestika, inkluż l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp. Jieħdu miżuri sabiex inaqqsu d-distorsjonijiet li jifdal fis-suq tad-djar u l-inklinazzjoni favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari billi jitrażżan it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-imgħax ipotekarju.

Test maqbul:

Filwaqt li jirrispettaw l-objettiv ta' terminu medju, jużaw politiki fiskali u strutturali li jappoġġaw it-tkabbir potenzjali u d-domanda domestika, inkluż l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp. Jieħdu miżuri sabiex inaqqsu d-distorsjonijiet li jifdal fis-suq tad-djar u l-inklinazzjoni favur id-dejn għall-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari billi jitrażżan it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-imgħax ipotekarju.

Spjegazzjoni:

Ġie maqbul li l-bidliet huma bbażati fuq il-lingwa għar-RSP taż-żona tal-euro għall-2017 u r-RSP tas-sena li għaddiet għal Stati Membri li qabżu l-Objettiv ta' Terminu Medju.
